# IT-TOROK F'MALTA FI ŻMIEN D'OMEDES (1551)

Malli l-Kavalieri ta' Rodi nġabru f'Malta, ħasbu minnufih jissaħħu hekk fuq l-art kemm ukoll fuq il-baħar biex jerfgħu ġieħhom wara t-telfa ta' Rodi u jgħakksu lil misilmin li ħadd ma kien jista' iżjed għalihom. Min-naħa l-oħra it-Torok kellhom f'moħhom li jekk il-Kavalieri jkollhom iż-żmien jikbru, ebda ġifen minn tagħhom ma jkun jista' jersaq lejn Malta u Tripli u għalhekk is-Sultan ħaseb li ma jatihomx nifs u qabel ma jikbru jeqridhom sew minn Malta kemm ukoll minn Tripli.

Fl-1551 Dragut, ġabar mal-150, bejn ġfien u xwieni u fuqhom għabba t-truppi tal-Baxa Sinam u rħewlha lejn il-Għarb. Waslu l-ewwel Sqallija u xteħtu fuq il-belt ta' Augusta. Ħaduha, tista' tgħid bla ġlied xejn, għax in-nies imwissija minn qabel ħarbu u daħlu l-ġewwa fejn ma setgħux jintlaħqu.

Is-Sultan Malti, D'Omedes, li kien ilu jisma' li t-Torok kienu għajnhom fuqu ma tax widen u ħaseb li jgħaddiha ħafif. Ra kemm mar imqarraq fis-16 ta' Lulju, mita quddiem il-Port-il-Kbir dehru jbajdu mijiet ta' qlugħ' resqin lejn l-art.

Ma kienx hemm żmien tarma, ordni waħda ħarġet : "Kulħadd iħalli ħwejġu u jitlaq għal wara il-ħitan tas-swar, min hu in-naħa t'isfel għal Birgu u min hu l-fuq għall-Imdina."

Id-dejma ħarġet u bdiet tinġabar. Il-Kavalier Ingliż Nikol Upton ma' tletin Kavalier ħa fidejh l-400 ruħ rekbin tad-dejma u telaq jistenna lill-għadu fil-wita tal-Marsa, il-Kavalier De Guimeran, Spanjol, ġabar in-nies li sab u nasabhom fix-xtut tal-Port-il-Kbir taħt tarf il-Għases, biex jisparaw bl-azzarini fuq l-ewwel xini li tersaq—kanuni ma kellhomx.

L-ewwel ma qabdet dieħla l-port kienet ix-xini l-Kbira ta' Dragut li malli sabet ruħha taħt in-nar daret u qalbet lejn Marsamxett. Hemm niżel l-Armirall u l-Baxa b'qabda kbira nies u wara li kinsu minn fuq il-blat l-Insara, telgħu fuq il-quċċata ta' Xagħret Mewwija biex jaraw kif kienu jistgħu jieħdu il-forti Sant'Anġlu.

Sinam intebaħ li Sant'Anġlu kien għadma jebsa wisq għal snienu, u biex ma jarġax l-ura, kif xtaq, àmar li jniżżel in-nies kollha fuq ix-xtut bejn l-Imsida u San Pawl-il-baħar u jaħbat għall-Imdina.

Dawk tal-Imdina ħasbuh dan, u l-Gvernatur li kien il-Kavalier Ġenwis Adornò, bagħat malajr jitlob imqar mitt ruħ lis-Sultan għax inkella ma kellux biex iżomm. Is-Sultan ma riedx inaqqas min-nies li kellhom iħarsu il-Birgu u Sant'Anġlu, u għalhekk ma bagħatx ħlief seba' Kavalieri taħt il-Kavalier Villegagnon li mita wasal għand il-Gvernatur Adornò qallu li huma kienu ġew m'hux biex iħarsu lill-Imdina imma biex imutu miegħu. L-Imdina kien hemm biża' tal-ġenn għax u la nies u l-anqas kanuni ma kellhom. Kif iħarsu is-swar jekk it-Torok jaħbtu għalihom? jew jekk it-Torok idawru l-Imdina kemm kienu idumu ma jmutu bil-ġuħ u bil-għatx ? Rabtu ruħhom mas-Sema u waħda soru tefgħet fin-nies tama kbira billi wissiethom li jekk joħorġu il-vara ta' Sant'Agta u jonsbuha fuq wieħed mis-swar, il-Belt ma taqâx. Saret il-pirċissjoni u n-nies qalbom magħfusa inġabru wara s-swar u nqafel il-bieb għal kullħadd.

It-Torok ma damux ma dehru u xterdu mar-Rabat. In-nies ta' ġewwa ntasbu jittawlu minn fuq is-swar u biex juru kotra kbira waħħlu kemm bandieri u kemm sabu ċraret fuq iċ-ċint, u l-vara ta' Sant'Agta bix-xama' jixgħel ma' dwarha twaqqfet fuq l-ogħla sur.

It-Torok quddiem dik ir-rassa u dik il-wirja ta' kotra donnhom lesti għat-taqbida, waqfu u tħassbu għax ma ridux jitilfu u la żmien u anqas nies, mita kienu tbiegħdu mill-iġfien dak kollu. Min jaf x'kellu ħsieb jibgħat is-sultan D'Omedes mill-Birgu ? Kienet sejħa t'Alla, għax it-Torok, qajla qajla, tbiegħdu mill-Imdina u rħewlha lejn il-baħar. Ma telqux idhom f'idhom, għax dak li setgħu jġorru mill-egħlieqi u mir-rziezet ħaduh.

Il-Maltin ferħu bla tarf u ħasbu li ħelsuha ħafif. Ma kienx hekk, għax u la Dragut u lanqas Sinam ma riedu imorru għand is-Sultan sidhom bil-għalla mitbiela. Għabbew in-nies u l-Kanuni fuq il-140 ġifen imressqa max-xtut ta' S. Pawl u tal-Mellieħa, u fetħu l-qala' mal-ewwel żiffa tar-riħ.

Il-ftehima kienet li jaħbtu għal Għawdex u hekk sar. Ħadd ma kien ħaseb iżomm qabda nies sewwa f'dil-ġżira żgħira, u l-Kavalier Galazjanu de Sesse sab ruħu bla nies, bla swar u bla għodda għal taqbida kbira. It-Torok sbarkaw, xterdu bħal ġrati mal-art kollha jaqtgħu, jaħarqu, ikarkru ikel, bhejjem, tjur, u nies. Bla għaġla xejn waslu taħt is-swar tal-Kastell u nġabru qtajja' qtajja', waqqfu it-tined u thejjew għal qagħda twila. X'jieklu sabu, minn ifixkilhom ma kienx hemm, u la quddiemhom u anqas warajhom u bħan-nassaba tal-għasafar ma kellhomx ħlief jaqilbu ix-xbiek u jaqbdu lil kullħadd.

Il-Kavalier de Sesse bagħat lil Patri Bonavia ta' Santu Wistin għand il-Baxa u qallu li kien bi ħsiebu jiftaħ il-belt għalih jekk jatih kelma li ma ssirx ħsara u jekk jittieħdu irsiera, iħalli lill-kbarat tal-gżira jmorru għal xogħlhom. Il-Baxa qal *iva* biex, b'reħet hekk, ma jitlifx nies minn tiegħu. Fil-egħdewwa jaħseb hu.

Malli daħlu fil-belt, il-Misilmin ma setgħa iżommhom ħadd u kull ma kien hemm x'iġġorr tkarkar, dak li ma satax jinġarr ġie maħruq u maħtut. In-nies kollha, rġiel nisa u tfal ittieħdu rsiera. Il-Baxa, biex bħal dak li qallu iżomm kelmtu, qabad erbgħin xiħ għakka, sejħilhom u qallhom: "Intom in-nies kbar tal-belt, mela jien nerħilkom għax hekk ftehimt mal-Kavalier. Morru, il-bqija għal fuq l-iġfien."

L-imsejken De Sesse u irjus kbar tal-gżira ġew marbuta u mkarkra mal-kotra lejn ix-xatt. Min ħabat iżomm iebes ġiè mbiċċer.

Jingħad li wieħed minn tad-dejma, jismu Bernardo, wara li tqabad kemm felaħ mal-għedewwa ġera lejn daru għax ħabtu għalih ma nafx kemm. Malli daħal, qatel lil martu u żewġ xebbiet uliedu biex ma jaqgħux taħt idejn it-Torok, imbagħad fuq il-għatba tal-bieb xejjer sejfu fuq il-kotra sa ma waqa' mqatta' bċejjeċ. Miet hieni għax niesu ma kellhomx biża' li jiġu taħt il-kefrija tal-għarib. Hu u uliedu mietu darba, iżda dawk l-eluf ta' Għawdxin li marru irsiera raw il-mewt mitt darba għal minn jaf kemm-il-sena.

Daqs sitt elef ruħ, tista' tgħid in-nies ta' Għawdex kollha, inserqu jew ntemmu.

Nistħajjel, mita is-Sultan D'Omedes ra l-ġfien sejrin lejn il-Lvant ħass ferħ kbir għax kien għadu ma jafx x'ħimda kienet waqgħet fuq Għawdex u x'kien hemm imhejji għal Tripli.

Għal Dragutt u għal Baxa Sinam Għawdex kien bukkun għat-tafja. Ix-xewqa tagħhom kienet Malta u Tripli. Malta, bil-għajnuna t'Alla, ħelset, imma Tripli, jaħasra, wara taqbida ħarxa, megħjuna bl-akbar qerq u bl-akbar ħiena, waqgħet fidejn il-għedewwa.

D'Omedes ma satax jieħu ruħ wara żewġ telfiet bħal dawn.

Irsiera nsara Maltin damu barra żmien twil u bosta mietu fil-jasar. L-Isqof Cubelles, bis-sensja tal-Papa Giulju III, ġabar kemxa flus biex jifdi l-Għawdxin u ħafna nies kellhom ix-xorti jerġgħu jaraw dawn il-gżejjer.

T. Z.